



Brussell, 19 ta' Jannar 2024
(OR. en)

16003/23

Fajls Interistituzzjonali:
2023/0450(NLE)
2023/0451(NLE)

POLCOM 287
SERVICES 58
COASI 214
TELECOM 381
DATAPROTECT 363

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 2)/Kunsill
Nru dok. Cion:	16001/23 + COR 1 + ADD 1 + ADD 1 COR 1 16002/23 + COR 1 + ADD 1 + ADD 1 COR 1
Suġġett:	Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Protokoll li jemenda l-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ġappun għal Sħubija Ekonomika rigward il-fluss liberu ta' data - Adozzjoni u Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Protokoll li jemenda l-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ġappun għal Sħubija Ekonomika rigward il-fluss liberu ta' data - Qbil fil-prinċipju - Talba għall-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew

1. Fis-26 ta' Settembru 2022 il-Kunsill approva direttivi ta' negozjati għall-Kummissjoni biex tinnegozja l-inklużjoni ta' dispożizzjonijiet dwar il-flussi transkonfinali ta' data fil-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ġappun għal Sħubija Ekonomika¹. In-negozjati ġew konklużi fil-prinċipju fit-28 ta' Ottubru 2023.

¹ ST 12259/22 + ADD 1

2. Fl-1 ta' Diċembru 2023, il-Kummissjoni bagħtet lis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill proposti għal Deċiżjonijiet tal-Kunsill dwar l-iffirmar² u l-konklużjoni³, fisem l-UE, tal-Protokoll li jemenda l-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn l-UE u l-Ġappun rigward il-fluss liberu ta' data.
3. Fis-6 ta' Diċembru 2023, il-Kumitat tal-Politika Kummerċjali (Esperti - Servizzi u Investimenti) eżamina l-proposti tal-Kummissjoni għaż-żewġ Deċiżjonijiet tal-Kunsill u fid-19 ta' Diċembru 2023 approvahom, permezz ta' konsultazzjoni bil-miktub, soġġett għal rieżami mill-ġuristi lingwisti.
4. Għaldaqstant, u soġġett għall-konferma tal-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti, il-Kunsill huwa mistieden:
 - jadotta d-Deċiżjoni dwar l-iffirmar tal-Ftehim imsemmi, kif iffinalizzata mill-ġuristi lingwisti- u kif tinsab fid-dokumenti 16004/23;
 - jinnota li l-Parlament Ewropew ser jiġi infurmat f'konformità mal-Artikolu 218(10) TFUE u li d-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar ser tintbagħat lill-Parlament Ewropew; u
 - jikkonferma l-qbil fil-prinċipju dwar it-test tad-deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, fisem l-Unjoni Ewropea, kif iffinalizzata mill-ġuristi lingwisti u kif jinsab fid-dokumenti 16005/23 u 16006/23 u jiddeċiedi li jibgħat l-abbozz ta' Deċiżjoni dwar il-konklużjoni lill-Parlament Ewropew għall-approvazzjoni tiegħu.

² ST 16001/23 + COR 1 + ADD 1 + ADD 1 COR 1

³ ST 16002/23 + COR 1 + ADD 1 + ADD 1 COR 1